

Brussell, 17 ta' Diċembru 2025
(OR. en)

16977/25

**Fajl Interistituzzjonali:
2025/0423 (COD)**

**TRANS 657
AVIATION 188
MAR 177
CLIMA 611
COMPET 1373
ENV 1409
ENER 692
ECOFIN 1769
IND 631
CODEC 2165**

PROPOSTA

| | |
|-------------------|--|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 17 ta' Diċembru 2025 |
| lil: | Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Suġġett: | Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1242 fir-rigward tal-kalkolu tal-krediti tal-emissjonijiet għall-vetturi tqal għall-perjodi ta' rapportar tas-snin mill-2025 sal-2029 |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2025) 784 final.

Mehmuż: COM(2025) 784 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 16.12.2025
COM(2025) 784 final

2025/0423 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1242 fir-rigward tal-kalkolu tal-kreditu tal-emissjonijiet għall-vetturi tqal għall-perjodi ta' rapportar tas-snin mill-2025 sal-2029

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Ir-Regolament (UE) 2019/1242¹ jistabbilixxi standards tal-prestazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO₂ għall-vetturi tqal ġodda. Huwa kontribut ewlieni biex jintlaħqu l-objettivi stabbiliti fil-liġi tal-UE dwar il-klima, inklużi n-newtralità klimatika sal-2050 u l-mira sal-2030 li jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-CO₂ fl-ekonomija kollha b'55 % meta mqabbla mal-1990.

L-industrija awtomobilistika hija ta' importanza ewlenija għall-ekonomija tal-UE u tammonta għal aktar minn 7 % tal-PDG tal-UE. Din tipprovdi impjegi — direttament jew indirettament, fil-manifattura, fil-bejgħ, fil-manutenzjoni, fil-kostruzzjoni u fis-servizzi tat-trasport — lil madwar 13-il miljun Ewropew. Is-settur awtomobilistiku għaddej minn trasformazzjoni strutturali li tinkludi bidliet fit-teknoloġiji nodfa u diġitali. L-istandards tas-CO₂ jipprovdu ċertezza u prevedibbiltà fit-tul għall-investituri tul il-katina tal-valur, u għalhekk jippermettu tali trasformazzjoni settorjali, filwaqt li jippermettu biżżejjed żmien ta' thejjiġa għal tranżizzjoni ġusta lejn vetturi b'emissjonijiet zero.

Ir-Regolament jesiġi li l-emissjonijiet medji annwali tas-CO₂ tal-flotta kollha tal-UE mill-vetturi tqal ġodda jitnaqqsu f'intervalli ta' 5 snin. Fl-2025, mira għat-tnaqqis ta' 15 % tas-CO₂ meta mqabbla mal-valuri tal-2019 tibda tapplika f'kull perjodu ta' rapportar għall-perjodu 2025–2029 għat-trakkijiet tqal b'massa massima mgħobbija teknikament permissibbli (TPMLM, technically permissible maximum laden mass) ta' aktar minn 16 t. Din tiġi segwita minn mira għat-tnaqqis tas-CO₂ għal grupp usa' ta' vetturi tqal, inklużi trakkijiet b'TPMLM > 5 t u xarabanks b'TPMLM > 7,5 t ta' 43 % applikabbli mill-2030 'il quddiem. Il-mira tal-aħħar tesiġi b'mod effettiv sehem sinifikanti ta' vetturi (eż. elettriċi bil-batterija) b'emissjonijiet zero fost il-vetturi ġodda rreġistrati ta' manifattur.

Kull sena, jiġu stabbiliti l-miri tal-emissjonijiet medji tas-CO₂ u tal-emissjonijiet speċifiċi tas-CO₂ għal kull manifattur, abbażi tal-mira għall-flotta kollha tal-UE, biex tiġi evalwata l-konformità tal-prestazzjoni tal-manifatturi mal-miri tagħhom.

Ir-Regolament (UE) 2019/1242 jippermetti lill-manifatturi jiġbru l-krediti tal-emissjonijiet jekk l-emissjonijiet speċifiċi tagħhom tas-CO₂ ikunu taħt it-trajettorja tat-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO₂, li hija trajettorja lineari bejn il-miri applikabbli fil-bidu ta' żewġ perjodi sussegwenti ta' 5 snin. Imbagħad, dawn il-krediti tal-emissjonijiet jistgħu jintużaw għall-konformità fi stadju aktar tard.

Din l-emenda mmirata tipprovdi lill-manifatturi flessibbiltà addizzjonali fir-rigward tal-miri tas-CO₂, billi tippermettilhom jiġbru aktar krediti tal-emissjonijiet fis-snin ta' qabel l-2030. Din tiffaċilita l-konformità fil-perjodu mill-2030 'il quddiem, filwaqt li żżomm il-miri għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO₂. Aktar modifiki possibbli ta' dan ir-Regolament huma kompletament barra mill-kamp ta' applikazzjoni u mill-għanijiet ta' din il-proposta. Il-ħtieġa ta' tali modifiki tista' tiġi vvalutata, kif xieraq, fil-kuntest tar-rieżami li jmiss tar-Regolament. Sabiex jinżammu ċ-ċertezza u l-prevedibbiltà regolatorji, huwa essenzjali li din il-flessibbiltà addizzjonali tiġi miftiehma malajr u mingħajr dewmien bejn il-Parlament Ewropew u l-

¹ Ir-Regolament (UE) 2019/1242 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 li jistabbilixxi standards tal-prestazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO₂ għall-vetturi tqal ġodda, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 595/2009 (ĠU L 198, 25.7.2019, p. 202).

Kunsill. Il-Kummissjoni se timpenja ruħha b’mod kostruttiv mal-koleġiżlaturi, sabiex tiżgura li l-proċess leġislativ dwar din il-proposta jippreserva bis-sħiħ l-għan essenzjali tagħha u ma jfixkilhiex.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta’ politika kkonċernat**

Din il-proposta ma temendax ir-regoli sostantivi tar-Regolament (UE) 2019/1242 u żżomm mal-miri. Il-proposta twieġeb għat-tħassib espress fl-UE mis-settur awtomobilistiku, billi tipprovdi flessibilità addizzjonali għall-manifatturi biex jikkonformaw mal-oġettivi tar-Regolament.

- **Konsistenza ma’ politiki oħra tal-Unjoni**

Ir-Regolament dwar il-Liġi Ewropea dwar il-Klima² jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika fl-UE sal-2050. Ir-Regolament jesiġi t-tnaqqis tal-emissjonijiet netti ta’ gassijiet serra tal-UE b’mill-inqas 55 % (meta mqabbla mal-livelli tal-1990) sal-2030. F’konformità mal-miri għat-tnaqqis tal-Liġi tal-UE dwar il-Klima, ir-Regolament (UE) 2019/1242 jistabbilixxi miri għat-tnaqqis tal-emissjonijiet għall-vetturi tqal.

Il-Kummissjoni pproponiet ukoll emenda tal-Liġi Ewropea dwar il-Klima li tnaqqax il-mira sal-2040 għat-tnaqqis ta’ 90 %. Kemm il-Kunsill kif ukoll il-Parlament Ewropew stabbilew il-pożizzjonijiet tagħhom dwar il-fajl, li bħalissa jinsab f’kodeċizzjoni.

Il-proposta attwali ma tbiddilx il-miri għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO₂ u ma tnaqqasx l-ambizzjonijiet kumplessivi tal-istandards tal-emissjonijiet tas-CO₂. Tintroduċi flessibilità addizzjonali għall-manifatturi tal-vetturi tqal biex jikkonformaw mal-miri għat-tnaqqis tal-emissjonijiet sal-2030, filwaqt li żżomm iċ-ċertezza u l-prevedibilità għall-investituri tul il-katina tal-valur.

2. **BAŻI LEGALI, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ**

- **Bażi legali**

Il-bażi legali għal din il-proposta hija l-Artikolu 192 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). F’konformità mal-Artikolu 191 u l-Artikolu 192(1) tat-TFUE, l-Unjoni Ewropea għandha tikkontribwixxi sabiex, fost l-oħrajn, jintlaħqu l-oġettivi li ġejjin: il-preservazzjoni, il-ħarsien u t-titjib tal-kwalità tal-ambjent; il-promozzjoni ta’ miżuri fil-livell internazzjonali sabiex jittrattaw problemi ambjentali reġjonali jew globali, u b’mod partikolari li jiġġieldu t-tibdil fil-klima. Abbażi tal-Artikolu 192 tat-TFUE, l-Unjoni diġà adottat politiki biex tindirizza l-emissjonijiet tas-CO₂ mill-vetturi tqal fir-Regolament (UE) 2019/1242 u l-ewwel emenda tiegħu permezz tar-Regolament (UE) 2024/1610³.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Din l-inizjattiva hija konsistenti mal-prinċipju tas-sussidjarjetà. L-emenda tar-Regolament (UE) 2019/1242 biex tiġi pprovduta din il-flessibilità addizzjonali ma tistax tinkiseb mill-Istati Membri nfushom.

² Ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta’ Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 (“il-Liġi Ewropea dwar il-Klima”) (ĠU L 243, 9.7.2021, p. 1).

³ Ir-Regolament (UE) 2024/1610 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta’ Mejju 2024 li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1242 fir-rigward tat-tiżiħ tal-istandards ta’ prestazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO₂ għal vetturi heavy-duty ġodda u l-integrazzjoni tal-obbligi ta’ rapportar, li jemenda r-Regolament (UE) 2018/858 u li jħassar ir-Regolament (UE) 2018/956 (<http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1610/oj>).

- **Proporzjonalità**

Il-proposta hija konsistenti mal-prinċipju tal-proporzjonalità, minħabba li ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu l-objettivi tal-Unjoni li jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra b'mod kosteffettiv, filwaqt li l-manifatturi tal-vetturi jiġu pprovduti flessibbiltà addizzjonali għall-konformità tagħhom filwaqt li jinżamm il-livell ta' ambizzjoni tal-miri.

- **Għażla tal-istrument**

Il-proposta temenda r-Regolament (UE) 2019/1242 biss fir-rigward ta' flessibbiltà addizzjonali li tiġi pprovduta fejn jidħlu l-perjodi ta' konformità. Għalhekk, għandha ssegwi l-istess forma ta' att, jiġifieri regolament.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Ma hija meħtieġa l-ebda evalwazzjoni għall-proposta, peress li din tippredvi biss flessibbiltà temporanja għall-manifatturi tal-vetturi biex jikkonformaw mal-miri għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO₂ sal-2030.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Il-Kummissjoni kellha diskussjonijiet intensi u estensivi mal-manifatturi u mal-partijiet ikkonċernati mill-katina tal-valur tas-settur awtomobilistiku f'laqgħat bilaterali u fil-kuntast ta' laqgħat ta' livell għoli dwar il-vetturi tqal, li saru fit-tielet trimestru u fir-raba' trimestru tal-2025.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Il-proposta ġiet elaborata wara proċess ta' skrutinju intern tal-obbligi eżistenti u hija bbażata fuq l-esperjenza fl-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni relatata, inkluż il-proċess ta' monitoraġġ annwali tal-konformità fir-rigward tas-CO₂ tal-manifatturi.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Il-proposta tikkonċerna bidliet immirati tar-Regolament (UE) 2019/1242 biex il-manifatturi jiġu pprovduti flessibbiltà addizzjonali fir-rigward tal-obbligi ta' konformità tagħhom. Ma tbiddilx il-livell ta' ambizzjoni tal-miri. Għalhekk ma twettqet l-ebda valutazzjoni tal-impatt.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Meta mqabbla mar-Regolament attwali, il-proposta mhijiex mistennija żżid il-kostijiet amministrattivi. Barra minn hekk, mhijiex qed iżżid il-kumplexità tal-qafas legali.

- **Drittijiet fundamentali**

Il-proposta tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea⁴. B'mod partikolari, tikkontribwixxi għall-objettiv ta' livell għoli ta' ħarsien ambjentali f'konformità mal-prinċipju tal-iżvilupp sostenibbli kif stabbilit fl-Artikolu 37 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

⁴ Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (ĠU C 326, 26.10.2012, p. 391)

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Id-dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva li tistabbilixxi l-implikazzjonijiet għar-riżorsi baġitarji, umani u amministrattivi kienet mehmuża mal-proposta li wasslet għall-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2019/1242 u għall-aktar reviżjoni riċenti tiegħu bir-Regolament (UE) 2024/1610.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti għall-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Din il-proposta ma tibdilx is-sustanza tar-regoli, il-valutazzjoni tal-implimentazzjoni tibqa' l-istess bħal dik tal-proposta li wasslet għall-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2019/1242, kif emendat bir-Regolament (UE) 2024/1610.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

L-Artikolu 1(1) ta' dan ir-Regolament jemenda:

- l-Artikolu 7(1)(a) tar-Regolament (UE) 2019/1242 sabiex jiġu speċifikati r-regoli riveduti bil-għan li jiġu determinati l-kreditu tal-emissjonijiet;
- l-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/1242 sabiex jiġu introdotti l-formuli meħtieġa fl-Anness I, il-punt 5.2, li jimplementaw l-emenda tal-Artikolu 7(1)(a).

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1242 fir-rigward tal-kalkolu tal-krediti tal-emissjonijiet għall-vetturi tqal għall-perjodi ta' rapportar tas-snin mill-2025 sal-2029

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 192(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew⁵,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regjuni⁶,

Filwaqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2019/1242 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁷ jistabbilixxi l-miri tas-CO₂ għall-vetturi tqal ġodda, li jiffurmaw parti ewlenija mill-qafas tal-Unjoni biex sal-2030 jitnaqqsu l-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra b'mill-inqas 55 % taħt il-livelli tal-1990 u tintlaħaq in-newtralità klimatika fl-ekonomija kollha sal-2050.
- (2) Ir-Regolament (UE) 2019/1242 jistabbilixxi miri progressivament aktar stretti għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO₂ għall-manifatturi. Dawk il-miri għat-tnaqqis jipprovdu ċertezza u prevedibbiltà fit-tul għall-investituri tul il-katina tal-valur, filwaqt li jippermettu biżżejjed żmien ta' tħejjija għal tranżizzjoni ġusta. Għalhekk huwa essenzjali li l-livell tal-miri għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO₂ stabbiliti skont ir-Regolament (UE) 2019/1242 ma jinbidilx.
- (3) Sabiex tiġi ffaċilitata l-konformità mal-miri applikabbli mill-2030 'il quddiem, b'kunsiderazzjoni tad-dewmien fil-varar tal-infrastruttura pubblika tal-iċċarġjar tul l-awtostradi għall-vetturi tqal, jenħtieġ li l-manifatturi jkunu jistgħu jiġġeneraw aktar

⁵ ĠU C , , p. .

⁶ ĠU C , , p. .

⁷ Ir-Regolament (UE) 2019/631 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 li jistabbilixxi standards ta' rendiment fir-rigward tal-emissjonijiet ta' CO₂ tal-karozzi ġodda tal-passiġġieri u tal-vetturi kummerċjali ħfief ġodda, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 443/2009 u (UE) Nru 510/2011 ([ĠU L 111, 25.4.2019, p. 13](http://data.europa.eu/eli/reg/2019/631/oj), ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2019/631/oj>).

kreditu tal-emissjonijiet qabel l-2030, li jistgħu jinċentivaw ukoll varar aktar bikri tal-vetturi tqal b'emissjonijiet żero.

- (4) Għalhekk, jixraq li matul il-perjodi ta' rapportar tas-snin mill-2025 sal-2029 biss, il-manifatturi jenħtieġ li jiġbru l-kreditu tal-emissjonijiet jekk l-emissjonijiet speċifiċi tagħhom tas-CO₂ ikunu taħt il-mira tal-emissjonijiet speċifiċi tas-CO₂ aktar milli taħt it-trajettorja tat-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO₂.
- (5) Filwaqt li jitqies li l-varar tax-xarabanks urbani b'emissjonijiet żero huwa diġà avvanzat u l-użu tagħhom mhux affettwat b'mod negattiv minn nuqqas possibbli ta' żvilupp tal-infrastruttura pubblika tal-iċċarġjar tul l-awtostradi, jenħtieġ li din l-emenda ma tapplikax għax-xarabanks urbani.
- (6) Minħabba li l-oġettivi ta' dan ir-Regolament biex il-manifatturi tal-vetturi jiġu pprovduti flessibilità addizzjonali għall-konformità tagħhom filwaqt li jinżamm il-livell ta' ambizzjoni tal-miri għat-tnaqqis tas-CO₂ ma jistgħux jinkisbu biżżejjed mill-Istati Membri, iżda jistgħu pjuttost, minħabba l-iskala u l-effetti tal-azzjoni, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu dawk l-oġettivi.
- (7) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2019/1242 jiġi emendat kif xieraq,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) 2019/1242 huwa emendat kif ġej:

- (1) Fl-Artikolu 7(1), il-punt (a) huwa emendat kif ġej:

“(a) id-differenza bejn it-trajettorja tat-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO₂ kif imsemmi fil-paragrafu 2 għall-perjodu ta' rapportar tas-sena 2025 u l-emissjonijiet speċifiċi medji tas-CO₂ ta' dak il-manifattur għall-perjodi ta' rapportar tas-snin mill-2025 sal-2029; u d-differenza bejn it-trajettorja tat-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO₂ għall-perjodi ta' rapportar ta' snin għajr mill-2025 sal-2029 u l-emissjonijiet speċifiċi medji tas-CO₂ ta' dak il-manifattur għall-istess perjodu ta' rapportar; jekk dik id-differenza tkun pożittiva (“kreditu tal-emissjonijiet”); jew”

- (2) L-Anness I huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA U DIĠITALI LEĠIŻLATTIVA

| | | |
|--------|--|----|
| 1. | QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA | 3 |
| 1.1. | Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva | 3 |
| 1.2. | Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i) | 3 |
| 1.3. | Objettiv(i)..... | 3 |
| 1.3.1. | Objettiv(i) ġenerali | 3 |
| 1.3.2. | Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi..... | 3 |
| 1.3.3. | Riżultat(i) u impatt mistennija | 3 |
| 1.3.4. | Indikaturi tal-prestazzjoni | 3 |
| 1.4. | Il-proposta/L-inizjattiva hija relatata ma': | 4 |
| 1.5. | Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva..... | 4 |
| 1.5.1. | Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva | 4 |
| 1.5.2. | Valur miżjud tal-involviment tal-UE (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, pereż. gwadanji mill-koordinazzjoni, ċertezza legali, aktar effettività jew komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta' din it-taqsim, "valur miżjud tal-involviment tal-UE" huwa l-valur li jirriżulta mill-azzjoni tal-UE, li huwa addizzjonali għall-valur illi kieku kien jinholq mill-Istati Membri waħedhom..... | 4 |
| 1.5.3. | Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi..... | 4 |
| 1.5.4. | Kompatibbiltà mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħra..... | 5 |
| 1.5.5. | Valutazzjoni tal-għażliet differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għar-riallokazzjoni | 5 |
| 1.6. | Durata tal-proposta/tal-inizjattiva u tal-impatt finanzjarju tagħha..... | 6 |
| 1.7. | Metodu/i tal-implimentazzjoni tal-baġit ippjanat(i)..... | 6 |
| 2. | MIŻURI TA' ĠESTJONI | 8 |
| 2.1. | Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar..... | 8 |
| 2.2. | Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll | 8 |
| 2.2.1. | Ġustifikazzjoni tal-metodu/i tal-implimentazzjoni tal-baġit, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposta | 8 |
| 2.2.2. | Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom | 8 |
| 2.2.3. | Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon bejn il-kostijiet tal-kontroll u l-valur tal-fondi relatati ġestiti) u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' errur (mal-ħlas u fl-għeluq)..... | 8 |
| 2.3. | Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet..... | 9 |
| 3. | IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA..... | 10 |

| | | |
|----------|---|----|
| 3.1. | Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i..... | 10 |
| 3.2. | Impatt finanzjarju stmat tal-proposta fuq l-approprjazzjonijiet | 12 |
| 3.2.1. | Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali | 12 |
| 3.2.1.1. | Approprjazzjonijiet mill-baġit ivvutat | 12 |
| 3.2.1.2. | Approprjazzjonijiet minn dħul assenjat estern..... | 17 |
| 3.2.2. | Output stmat iffinanzjat minn approprjazzjonijiet operazzjonali..... | 22 |
| 3.2.3. | Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet amministrattivi | 24 |
| 3.2.3.1. | Approprjazzjonijiet mill-baġit ivvutat..... | 24 |
| 3.2.3.2. | Approprjazzjonijiet minn dħul assenjat estern..... | 24 |
| 3.2.3.3. | Total tal-approprjazzjonijiet..... | 24 |
| 3.2.4. | Rekwiżiti stmati ta' riżorsi umani | 25 |
| 3.2.4.1. | Iffinanzjati mill-baġit ivvutat | 25 |
| 3.2.4.2. | Iffinanzjati minn dħul assenjat estern | 26 |
| 3.2.4.3. | Rekwiżiti totali ta' riżorsi umani | 26 |
| 3.2.5. | Ħarsa ġenerali lejn l-impatt stmat fuq l-investimenti relatati mat-teknoloġija diġitali | 28 |
| 3.2.6. | Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali | 28 |
| 3.2.7. | Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi..... | 28 |
| 3.3. | Impatt stmat fuq id-dħul..... | 29 |
| 4. | DIMENSJONIJIET DIĠITALI | 29 |
| 4.1. | Rekwiżiti ta' rilevanza diġitali | 30 |
| 4.2. | Data | 30 |
| 4.3. | Soluzzjonijiet diġitali | 31 |
| 4.4. | Valutazzjoni tal-interoperabbiltà..... | 31 |
| 4.5. | Miżuri li jappoġġaw l-implimentazzjoni diġitali | 32 |

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1242 biex tiġi inkluża flessibbiltà addizzjonali għall-manifatturi tal-vetturi tqal ġodda fir-rigward tal-kalkolu tal-krediti tal-emissjonijiet fil-perjodi ta' rapportar tas-snin mill-2025 sal-2029

1.2. Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i)

Politika dwar il-klima

1.3. Objettiv(i)

1.3.1. Objettiv(i) ġenerali

L-istandards tas-CO₂ jipprovdu ċertezza u prevedibbiltà fit-tul għall-investituri tul il-katina tal-valur tas-settur awtomobilistiku, filwaqt li jippermettu biżżejjed żmien ta' tħejjija għal tranżizzjoni ekwa. Il-proposta emendatorja għandha l-għan li ttiprovdi flessibbiltà addizzjonali għall-manifatturi biex jikkonformaw mal-mira tas-CO₂ sal-2030, filwaqt li l-livell ta' ambizzjoni jitħalla kif inhu.

1.3.2. Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi

Il-proposta tikkonċerna bidliet immirati tar-Regolament dwar is-CO₂ tal-vetturi tqal biex il-manifatturi jiġu pprovduti flessibbiltà addizzjonali: din tippredvi l-possibbiltà li jinġabru aktar krediti tal-emissjonijiet fis-snin ta' qabel l-2030, li mbagħad jistgħu jintużaw għall-konformità fis-snin ta' wara.

1.3.3. Riżultat(i) u impatt mistennija

Speċifika l-effetti li l-proposta/l-inizjattiva jenħtieġ li jkollha fuq il-benefiċjarji/il-gruppi fil-mira.

Jekk tiġi adottata, l-emenda tiddetermina li matul il-perjodi ta' rapportar tas-snin mill-2025 sal-2029, il-manifatturi għandhom jiġbru l-krediti tal-emissjonijiet jekk l-emissjonijiet speċifiċi tagħhom tas-CO₂ ikunu taħt il-miri tas-CO₂ aktar milli taħt it-trajettorja tat-tnaqqis tal-emissjonijiet.

1.3.4. Indikaturi tal-prestazzjoni

Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-progress u tal-kisbiet.

Immonitorja l-konformità tas-CO₂ tal-manifatturi fil-perjodu 2025–2030.

1.4. Il-proposta/L-inizjattiva hija relatata ma':

- azzjoni ġdida
- azzjoni ġdida b'segwitu għal proġett pilota/azzjoni preparatorja⁸
- l-estensjoni ta' azzjoni eżistenti
- fużjoni jew ridirezzjonar ta' azzjoni waħda jew aktar lejn azzjoni oħra/ġdida

⁸ Kif imsemmi fl-Artikolu 58(2), il-punt (a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva

1.5.1. *Rekwiżit(i) li għandu/hom jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva*

Il-proposta emendatorja għandha l-għan li tipprovdi flessibbiltà addizzjonali għall-manifatturi biex jikkonformaw mal-miri tas-CO₂, filwaqt li tinżamm ambizzjoni kumplessiva għall-miri għat-tnaqqis tas-CO₂ matul il-perjodu 2025–2040.

1.5.2. *Valur miżjud tal-involviment tal-UE (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, pereż. gwadanji mill-koordinazzjoni, ċertezza legali, aktar effettività jew komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta' din it-taqsim, "valur miżjud tal-involviment tal-UE" huwa l-valur li jirriżulta mill-azzjoni tal-UE, li huwa addizzjonali għall-valur illi kieku kien jinħoloq mill-Istati Membri waħedhom.*

It-tibdil fil-klima huwa problema transfruntiera, li ma tistax tissolva bl-azzjoni nazzjonali jew lokali waħedha. Il-koordinazzjoni tal-azzjoni klimatika trid tittieħed fil-livell Ewropew u l-azzjoni tal-UE hija ġġustifikata għal raġunijiet ta' sussidjarjetà. Minħabba l-ħtieġa li r-Regolament (UE) 2019/1242 jiġi mmodifikat billi tiġi pprovduta flessibbiltà addizzjonali fir-rigward tal-perjodi ta' konformità, l-oġettivi ta' din l-inizjattiva ma jistgħux jinkisbu mill-Istati Membri nfushom.

1.5.3. *Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fil-passat*

Il-proposta tibni fuq il-leġiżlazzjoni eżistenti li se tiżgura tnaqqis kontinwu fl-emissjonijiet tas-CO₂ tal-flotta tal-UE ta' vetturi tqal ġodda.

1.5.4. *Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħra*

Ma huma meħtieġa l-ebda riżorsi addizzjonali.

1.5.5. *Valutazzjoni tal-għażliet differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għar-riallokazzjoni*

Ma huma meħtieġa l-ebda riżorsi addizzjonali.

1.6. Durata tal-proposta/tal-inizjattiva u tal-impatt finanzjarju tagħha

durata limitata

- fis-seħħ minn [JJ/XX]SSSS sa [JJ/XX]SSSS
- impatt finanzjarju minn SSSS sa SSSS għall-appropriazzjonijiet ta' impenn u minn SSSS sa SSSS għall-appropriazzjonijiet ta' pagament.

durata mhux limitata

- Implimentazzjoni b'perjodu ta' tnedija minn SSSS sa SSSS,
- segwita minn operazzjoni fuq skala sħiħa.

1.7. Metodu/i ta' implimentazzjoni tal-baġit ippjanat(i)⁹

Ġestjoni diretta mill-Kummissjoni

- mid-dipartimenti tagħha, inkluż mill-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;

- mill-aġenziji eżekuttivi

Ġestjoni kondiviża mal-Istati Membri

Ġestjoni indiretta billi jiġu fdati kompiti ta' implimentazzjoni tal-baġit:

- lill-pajjiżi terzi jew lill-korpi nnominati minnhom
- lill-organizzazzjonijiet internazzjonali u lill-aġenziji tagħhom (għandhom jiġu speċifikati)
- lill-Bank Ewropew tal-Investment u lill-Fond Ewropew tal-Investment
- lill-korpi msemmija fl-Artikoli 70 u 71 tar-Regolament Finanzjarju
- lill-korpi tad-dritt pubbliku
- lill-korpi rregolati mid-dritt privat b'missjoni ta' servizz pubbliku sakemm dawn ikollhom garanziji finanzjarji adegwati
- lill-korpi rregolati mid-dritt privat ta' Stat Membru li jkunu fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika-privata u li jkollhom garanziji finanzjarji adegwati
- lill-korpi jew lill-persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni skont it-Titolu V tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u identifikati fl-att bażiku rilevanti
- lill-korpi stabbiliti fi Stat Membru, irregolati mid-dritt privat ta' Stat Membru jew mid-dritt tal-Unjoni u eliġibbli biex jiġu fdati, f'konformità mar-regoli speċifiċi għas-settur, bl-implimentazzjoni ta' fondi tal-Unjoni jew ta' garanziji baġitarji, sa fejn tali korpi jkunu kkontrollati minn korpi tad-dritt pubbliku jew minn korpi rregolati mid-dritt privat b'missjoni ta' servizz pubbliku, u jkunu pprovduti b'garanziji finanzjarji adegwati fil-forma ta' responsabbiltà *in solidum* mill-korpi kontrollanti jew b'garanziji finanzjarji ekwivalenti, li jistgħu, għal kull azzjoni, ikunu limitati għall-ammont massimu tal-appoġġ tal-Unjoni.

⁹ Id-dettalji tal-metodi ta' implimentazzjoni tal-baġit u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jinsabu fuq is-sit BUDGpedia: <https://myintracomm.ec.europa.eu/corp/budget/financial-rules/budget-implementation/Pages/implementation-methods.aspx>.

Kummenti

Ma huma meħtieġa l-ebda riżorsi addizzjonali.

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar

Ma ġiet introdotta l-ebda bidla fir-regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar, peress li s-sistema attwali tippermetti wkoll li tiġi mmonitorjata l-applikazzjoni tal-flessibbiltà addizzjonali proposta.

2.2. Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll

2.2.1. *Ġustifikazzjoni tal-metodu/i tal-implimentazzjoni tal-baġit, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposta*

Il-proposta mhijiex qed timplimenta programm finanzjarju iżda qed tintroduċi flessibbiltà addizzjonali f'termini ta' konformità mill-manifatturi tal-vetturi tqal mal-miri tal-emissjonijiet tas-CO₂. Il-mod ta' ġestjoni, il-mekkaniżmi għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, il-modalitajiet ta' pagament u l-istrateġija ta' kontroll b'rabta mar-rati ta' errur ma humiex applikabbli.

2.2.2. *Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom*

Din il-proposta ma tikkonċernax programm ta' nfiq. Il-monitoraġġ effiċjenti tad-data tar-reġistrazzjoni tal-vetturi huwa essenzjali biex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali fl-infurzar tal-leġiżlazzjoni u biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi bejn il-manifatturi differenti.

2.2.3. *Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon bejn il-kostijiet tal-kontroll u l-valur tal-fondi relatati ġestiti) u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' errur (mal-ħlas u fl-għeluq)*

Din l-inizjattiva ma toħloqx kontrolli/riskji sinifikanti ġodda li ma jkunux koperti minn qafas ta' kontroll intern eżistenti. Ma ġiet prevista l-ebda miżura speċifika lil hinn mill-applikazzjoni tar-Regolament Finanzjarju.

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet

Minbarra l-applikazzjoni tar-Regolament Finanzjarju għall-prevenzjoni tal-frodi u tal-irregolaritajiet, il-flessibbiltà addizzjonali għall-konformità mar-rekwiżiti għattnaqis tas-CO₂ previsti f'din il-proposta se tkun akkumpanjata minn monitoraġġ u rapportar ta' settijiet ta' data differenti kif previst fir-Regolament (UE) 2019/1242.

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i

Ma huma mehtieġa l-ebda riżorsi addizzjonali. It-tim attwali se jkompli jimmanigġja l-inizjattiva.

- Linji baġitarji eżistenti

